MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 554/2012

**Artikoli 49, 50, 216, 225 u 226 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 15(1)(a), 15A(1), 15B u 15H(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 94/69**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**JOHN BORG**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOHN BORG** ta' 23 sena, iben Anthony u Raymonda xebba Borg, imwieled Pieta' nhar is-7 t'Ottubru 1988, residenti gewwa l-fond numru 109, Jotorian, Triq ir-Refugjati tal-Gwerra, Mosta, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 463088 M gie imressaq quddiemha u akkuzat talli:

Nhar id-9 ta' Mejju 2008, ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu (03:00 hrs), f'dawn il-gzejjer u cioe' fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Gzira, waqt li kien qieghed isuq vettura ta' l-ghamla Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni JON 701;

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolarmenti, involontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Kyle Saliba hekk kif iccertifikat minn Dr. Michael Spiteri M.D. ta’ l-iSptar Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura ta’ l-ghamla Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni JON 701 b’manjiera traskurata;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura ta’ l-ghamla Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni JON 701 b’manjiera perikoluza;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura ta’ l-ghamla Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni JON 701 b’velocita’ qawwija;

5. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta’ vettura bil-mutur jew vettura ohra li tkun u cioe’ l-vettura ta’ l-ghamla Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni JON 701 fit-triq jew f’post pubbliku iehor meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

6. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq, ipprova jsuq jew kien fil-kontroll ta’ vettura bil-mutur jew vettura ohra u cioe’ l-vettura ta’ l-ghamla Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni JON 701 fit-triq jew f’post pubbliku iehor wara li kien

ikkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

7. U finalment talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'kaz ta' htija, minbarra l-piena stabbilita, jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Il-Qorti giet mitluba li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma' dawn ir-reati, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez relattivi a tenur ta' l-artikolu 533 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal registrat fl-atti nhar id-19 ta' Lulju 2012 fejn id-difiza kienet qajmet in linea preliminari l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ta' sentejn u dan ghar-rigward tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra l-imputat.

Rat illi minn dakinhar il-quddiem ma gie registrat l-ebda progress u li ma nghatat l-ebda sentenza dwar din l-eccezzjoni.

Rat illi din il-kawza giet assenjata flimkien ma’ numru konsiderevoli ta’ kawzi ohra b’digriet ta’ Assenjazzjoni mill-Prim Imhallef nhar il-21 ta’ April 2014.

Rat illi din il-Qorti kif preseduta appuntat il-kawza mill-gdid quddiemha ghal nhar id-9 ta’ Mejju, 2014 bil-ghan li din l-eccezzjoni tigi trattata mill-gdid sabiex b’hekk tkun tista’ tinghata sentenza.

Rat illi fid-9 ta’ Mejju 2014, deher l-imputat assistit kif ukoll l-ufficcjal prosekutur li ttrattaw din l-eccezzjoni u talbu li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza id-difiza qeghda issostni li l-akkuzi odjerni moghtija mill-prosekuzzjoni llum jinsabu preskritti stante li ghaddew aktar minn sentejn minn meta sehh l-allegat reat u l-imputat tressaq il-Qorti.

Jinghad qabel xejn Illi l-ligi tal-preskrizzjoni tolqot is-sustanza ta’ l-azzjoni u mhux l-aspett procedurali taghha. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex u cioe’ illi bniedem ma jigix ipprocessat ghal xi azzjoni wara trapass twil ta’ zmien meta l-provi li

jridu jigu prodotti quddiem il-Qorti jkunu jew intilfu jew gew offuskati minhabba t-telfien tal-memorja tax-xhieda li jigu prodotti. Fil-fatt hawnhekk issir referenza ghal dak li jghid il-Professur Mamo fin-noti tieghu fuq il-ligi penali taghna u cioe:-

**"But the true essential and legal reasons justifying the prescription of penal action are that on the one hand, the inaction of the State for a long period of time, diminishes and removes the public or social interest in punishing the offence which is supposed to – but may also, after all, not – have been committed; and on the other hand, that the citizen should not remain for a long time or, worse still, indefinitely, exposed to the threat of prosecution, with his rights and legal position uncertain when, during all this time, he may have also remained utterly unaware of that threat and may consequently find himself unprovided with an adequate defence against the unexpected and long-delayed prosecution."**

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija nhar id-19 ta' Novembru, 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Silvio Vassallo**. Dik il-Qorti rriteniet is-segwenti:

"Procediment gudizzjarju kontra persuna jitqies li jibda **jew**

(1) fil-jum li fih l-imputazzjoni tinqara fil-Qorti fil-presenza tal-imputat kif previst fl-**Artikolu 374(1)(ii)** fil-kaz ta' kawzi sommarji jew fl-**Artikolu 390(1)** fil-kaz ta' kumpilazzjoni tal-Kodici Kriminali, jew

(2) fil-jum tan-notifika jew tat-tentattiv t'esekuzzjoni skond il-kaz ta' xi att imsemmi fis-sub artikolu **(1) u (2) tal-Artikolu 693** li jinterrompi l-preskrizzjoni <u>skond liema jigi l-ewwel</u>, cioe' jekk hux il-qari jew in-notifika jew tentattiv tal-esekuzzjoni imsemmija."

Skond l-Artikolu 691, il-preskrizzjoni tibda tgħaddi mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-Liġi.

Illi mhux kontesta bejn il-partijiet bhala att li l-incident awtomobilistiku sehh nhar it-8 ta' Mejju, 2008 u li l-imputat tressaq il-Qorti nhar l-24 ta' Mejju, 2012 u cioe' erba' snin wara li sehh l-incident.

Illi ghalhekk huwa d-dover ta' din il-Qorti sabiex tara kull akkuza b'mod indiviwali sabiex tistabbilixxi il-perijodu preskrittiv ta' kull akkuza stante li l-perijodu ta' preskrizzjoni jvarja minn reat ghall-iehor skond l-**Artikolu 688 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta skond il-piena li tinghata ghal kull akkuza.

Fl-ewwel lok l-imputat huwa akkuzat bir-reat kif dispost fl-**Artikoli 225 u 226 tal-Kap. 9** li jiddisponi s-segwenti:-

"*B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kyle Saliba hekk kif iccertifikat minn Dr Michael Spiteri M.D. ta' l-iSptar Mater Dei*"

Illi ghalhekk preliminarjament huwa akkuzat talli nvontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kyle Saliba. Li hu mportanti pero' ghal din il-Qorti sabiex tistabbilixxi l-perijodu preskrittiv ghal dan ir-reat hu li l-Qorti tara x'inhi n-natura tal-ferita li allegatament ikkaguna l-imputat u ghalhekk huwa d-dover tal-Qorti li tezamina c-certifikat mediku esebit fl-atti u dan sabiex tara jekk tali ferita taqax fil-parametri tal-**Artikolu 218 jew 216 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex il-piena tkun wahda differenti u konsegwentement il-perijodu preskrittiv taghha ukoll ikun differenti.

Jigi rilevat li minkejja li din il-kawza ilha pendenti ghal kwazi sentejn ic-certifikat mediku allegatament rilaxxjat minn Dr Michael Spiteri lanqas biss jinsab esebit fl-atti la tal-kawza odjerna u lanqas fl-atti tal-inkjesta li gew esebiti fl-atti nhar id-19 ta' Lulju, 2012 liema

process verbal gie redatt mill-Magistat Dr. Doreen Clarke u liema dokument huwa mmarkat bhala dok CF1.

Ghalhekk din il-Qorti ittentat tara jekk effettivment f'din ir-relazzjoni jirrizultax x'inhuma l-feriti li sofra dan Kyle Saliba u dan bil-ghan li jigi stabbilit x'tip ta' ferita kellu u taht liema kategorija ta' ferita gravi. Bi sfortuna kbira ukoll lanqas f'dawn l-atti tal-inkjesta ma xehed tabib izda xehed l-allegat vittma Kyle Saliba li ddiskriva x'feriti kellhu fosthom is-segwenti (fol. 47 ta' l-atti).

1. Ksur fis-sieq ix-xellugija;
2. Hsara fejn in-nervituri tas-swaba ta' saqajh u ghadu s'issa ma jistax iccaqlaqhom;
3. Qasma fonda fil-qiegh ta' siequ;
4. Ksur fix-xedaq tal-halq;
5. Sfregju f'wiccu u f'saqajh.

Illi l-Artikoli tal-Ligi li jitkellmu dwar feriti gravi huma senjatament l-**Artikoli 216 u 218 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponu s-segwenti:-

**L-artikolu 216 tal-Kap. 9:-**

(1) *"L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin –*

*(a) jekk tista' ġġib periklu -*

*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem;*

*inkella*

*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.*

*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il - marda, f'perikolu attwali tal - ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-*

*periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża*".

Filwaqt li l-**Artikolu 218 tal-Kap. 9** jipprovdi s-segwenti:-

(1) "*L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin -*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, filgħonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort*".

Ghalhekk mhemmx dubbju li l-feriti li allegatament issubixxa Kyle Saliba jaqghu fid-definizzjoni moghtija fl-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk din il-Qorti trid issa tara dak li jipprovi l-Artikolu supra citat u cioe l-**Artikolu 226 tal-Kap. 9** dwar offizi involontarji una volta din il-Qorti stabbiliet in-natura ta' ferita gravi:-

**Artikolu 226 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:-.

*(1)"Jekk minħabba l-fatti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –*

*(a) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75);*

*(b) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)";*

Illi ghalhekk il-piena li ghandu jiffaccja l-imputat dwar din l-akkuza jekk tirrizulta hija massimu ta' sitt xhur.

Issa skond l-**Artikolu 688(e) tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta hemm indikat li l-perijodu preskrittiv ghar-reati bl-egħluq ta' sentejn huwa applikabbli għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' <u>anqas minn sena</u> (sottolinear ta' din il-Qorti), jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravenzjonijiet.

Illi jirrizulta li l-allegat incident awtomobilistiku sehh nhar id-9 ta' Mejju, 2008 kif jidher mill-akkuza u l-imputat tressaq il-Qorti nhar l-24 ta' Mejju, 2012 u ghalhekk m'hemmx dubju li ghaddew is-sentejn minn meta sehh ir-reat u l-akkuza giet prezentata, konsegwentement l-akkuza hija preskritta.

L-imputat fit-tieni u t-tielet lok jinsab akkuzat talli saq b'manjiera traskurata u perikoluza u dan ai termini tal-**Artikolu 15 (1) (a) tal-Kap. 65** tal-Ligi. Illi l-proviso ta' dan l-istess Artikolu jipprovdi li f'kaz ta' htija l-imputat jehel, "*il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur*".

Ghalhekk f'dan ir-rigward japplika l-Artikolu appena citat u cioe' l-Artikolu 688(e) u konsegwentement din it-tieni u t-tielet akkuza jinsabu ukoll preskritti.

Fir-raba' lok l-imputat gie akkuzat talli saq bi speed eccessiv. Din il-kontravenzjoni tohrog mill-Motor Insurance Regulations, hija kontravenzjonali u ghalhekk f'dan ir-rigward il-perijodu preskrittiv hija dik disposta fl-**Artikolu 688 izda sub inciz (f) tal-Kap. 9** li jittratta dwar piena ghall-kontravenzjonijiet li jipprovdi li "*l-perijodu ta' preskrizzjoni huwa bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravenzjonijiet, u għall-inġurji bil-fomm suġġetti għall-pieni tal-kontravenzjonijiet*" konsegwentement din ir-raba' akkuza hija ukoll preskritta.

Fil-hames u s-sitt lok gie akkuzat skond l-Artikolu 15A u 15B tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa saq taht l-influwenza ta' xorb meta ma kienx f'kundizzjoni li jiehu hsieb u li effettivament kien ikkonsma tant alcohol li kien qabez il-limitu preskritt mill-ligi.

Dwar il-piena applikabbli l-Qorti rat dak li pprovda l-**Artikolu 15H tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe':-

(1) "*Kull persuna li tikser xi disposizzjonijiet tal-artikoli 15A u 15B tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dak jew ta' reat taħt l-artikolu 15E(4) teħel –*

*(a) fil-każ tal-ewwel kundanna, multa ta' mhux anqas minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien*";

Ghalhekk f'dan ir-rigward ukoll japplika l-Artikolu supra citat u cioe' l-**Artikolu 688(e) tal-Kap. 9** u konsegwentement il-hames u is-sitt akkuza jinsabu ukoll preskritti.

Illi l-imptuat gie akkuzat ukoll talli huwa recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-Qorti thoss li ghalkemm ir-recidiva hija

akkuza distinta u separata mill-akkuzi l-ohra u l-Qorti m'ghandhiex tiehu in konsiderazzjoni l-possibilta' ta' awment fi grad meta tigi biex tqies kwistjoni bhal dik tal-preskrizzjoni kif del resto huwa l-kaz meta bniedem jigi akkuzat bl-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt kif tajjeb gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lorry Cuschieri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Ottubru, 2001:

*"Ir-reat kontinwat huwa funzjoni legali krejata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi kommutata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubbju ragjonevoli, ir-reati individwali komponenti tieghu kif wkoll ippruvata l-ezistenza ta' risoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Din il-Qorti taqbel li fir-reat kontinwat nnifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat bhala funzjoni legali huwa biss cirkostanza ta' fatt li meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghal konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi".*

Dik il-Qorti kompliet tghid fis-sentenza taghha:

*"Din il-Qorti taghmel taghha wkoll is-sottmissjoni li ghamel l-appellant li l-kontinwita fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. L-artikolu 689 tal-Kodici*

*Kriminali allura jippreskrivi li ai finijiet ta' preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett. Ghalhekk din il-Qorti taqbel li jekk dik il-piena ghall-ahhar vjolazzjoni li tkun saret fis-sensiela ta' reat kontinwat tkun giet preskritta,i r-reat kontinwat innifsu wkoll ikun gie preskritt. Jigifieri f'kelma wahda,din il-Qorti qed tghid li ma tistax il-Prosekuzzjoni tuza l-element tal-kontinwita biex dak li altrimenti jkun preskritt takkwistah bhal ma huwiex fuq is-semplici bazi li minhabba l-kontinwita l-piena applikabbli tista' u mhux necessarjament ghandha tigi awmentata bil-gradi li hemm imsemmija fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali."*

Konsegwentement din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' **Artikoli 49, 50, 216, 225 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 15(1)(a), 15A(1), 15B u 15H(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 94/69 tiddecidi li tidikjara li l-akkuzi huma kollha preskritti u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------